Kunsill Reġjonali Għawdex

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Għawdex Nru 127/2024

## It-Tlieta 20 ta' Frar, 2024

**Il-Kunsill Reġjonali Għawdex iltaqa' ġewwa s-Sala Saverio Cassar fl-uffiċċju tal-Kunsill Reġjonali. Il-laqgħa bdiet fis-6:00pm.**

### PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Noel Formosa | Viċi President |
| Is-Sur Josef Schembri | Kunsill Lokali Rabat Citta' Victoria |
| Is-Sur Kevin Cauchi | Kunsill Lokali Għajnsielem |
| Is-Sur Paul Buttigieg | Kunsill Lokali Qala |
| Is-Sur Hubert Saliba | Kunsill Lokali Xewkija |
| Is-Sur Nicky Saliba | Kunsill Lokali Żebbuġ |
| Is-Sur Mario Azzopardi | Kunsill Lokali Kerċem |
| Is-Sinjura Carmen Parnis | Kunsill Lokali Munxar |
| Is-Sur Philip Vella | Kunsill Lokali Sannat |

### ASSENTI B'APOLOĠIJA (SKONT ORDNI PERMANENTI 14A (3)):

| | |
|---|---|
| Dr. Samuel Azzopardi | Kunsill Reġjonali Għawdex |
| Is-Sur David Apap Agius | Kunsill Lokali l-Għarb |
| Is-Sur Saviour Borg | Kunsill Lokali Fontana |

### ASSENTI:

| | |
|---|---|
| Dr. Daniel Attard | Kunsill Lokali l-Għasri |
| Is-Sur Edward Said | Kunsill Lokali Nadur |
| Is-Sur Aaron Agius | Kunsill Lokali Xagħra |

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sinjura Rita Mifsud Attard | Segretarju Eżekuttiv |

**Minuti**

Il-Viċi President, Is-Sur Noel Formosa ippresjeda l-Laqgħa, fl-assenza tal-President li jinsab imsiefer fuq xogħol.

## 127.1 Talba

127.1.1 Il-Laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba tal-bidu.

## 127.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

125.2.1 Il-Viċi President ippreżenta l-minuti tal-laqgħa 126 li ġew iċċirkolati minn qabel u għaldaqstant, ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Dawn ġew approvati.

## 127.3 Komunikazzjoni tal-Viċi President u Korrispondenza

127.3.1 Fuq talba mill-Kunsill Reġjonali Għawdex is-Sur Daniel Borg, CEO tal-Gozo Business Chamber bagħat "breakdown" tal-ispejjeż tal-laqgħa proposta mill-Europe Direct maż-żgħażagħ Għawdxin dwar l-importanza tagħhom fl-elezzjoni tal-Elezzjonijiet Ewropej. L-ispejjeż jammontaw għal €3,300. Is-Sur Borg informa li huma japprezzaw anke għajnuna "in kind". Is-Sur Paul Buttigieg, Sindku tal-Qala qal li hu jista joffri s-sala għall-użu għal imsemmija laqgħa (dan wara li jġib l-approvazzjoni tal-Kunsill). Is-Segretarja għandha tinforma lis-Sur Borg dwar dan.

127.3.2 Is-Segretarja Eżekuttiva nformat lill-membri preżenti li hi tkellmet mal-avukat tar-Reġjun dwar it-talba tal-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart biex issir aġġustament tal-Cost of Living li jinkludi l-COLA. Is-Segretarja ġiet informata li r-Reġjun mhux obbligat li jaċċetta din it-talba mingħand il-kuntrattur. Is-Segretarja nformat lill-membri preżenti wkoll li hi tkellmet mas-Segretarja tal-AKL dwar din it-talba u ġiet informata li r-Reġjuni kollha rċevew talbiet simili. Għalhekk ser nikkordinaw flimkien dwar din it-talba sabiex ikun hemm uniformita.

127.3.3 Is-Sur Noel Formosa f'dan il-ħin irringrazzja lir-Reġjun Għawdex u speċjalment lill-Manager inkarigat mill-iskart tal-għajnuna li dejjem sab meta jkun hemm problemi tal-ġbir tal-iskart fil-lokalita' tiegħu.

## 127.4 Approvazzjoni tar-Raba Rapport ta' Kull Kwart Jan-Dec 2023.

127.4.1 Għal din il-parti tal-laqgħa kien preżenti l-accountant tar-Reġjun. Hu spjega r-rapport ta' kull kwart Jannar – Diċembru 2023. Ir-Reġjun spiċċa s-sena attwali b'telf u dan minħabba s-sitwazzjoni tal-iskart. Ir-Reġjun mhux jieħu rimborż tal-ħlas li qed jagħmel biex jinġabar l-iskart riċikklabbli. La darba jkun hemm ftehim mal-PROs din is-sitwazzjoni għandha titranġa. Iżda minħabba li r-Reġjun għandu retained funds spiċċa b'FSI (Financial Situation Indicator) ta' 122%.

127.4.2 Ir-Raba Rapport ta' kull kwart Jannar – Diċembru 2023 ġie approvat mill-membri preżenti.

## 127.5 Approvazzjoni tal-Unaudited Financial Statements.

127.5.1 L-accountant tar-Reġjun Għawdex spjega li s-sitwazzjoni tal-financial statements hija bħal dik tar-Raba rapport ta' kull kwart. Il-membri preżenti approvaw il-Financial Statements tas-sena 2023.

## 127.6 Materji Oħra.

127.6.1 Is-Segretarja Eżekuttiva nformat lill-membri preżenti li nġibed l-attenzjoni dwar l-istat ħażin tal-batterija fil-Qbajjar. Ir-Reġjun għandu jibgħat email lill-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ Għawdex. Is-Sindku ta' Ta' Kercem semma wkoll l-Akwedott li jinsab fi stat ħażin. Din ukoll għandu bżonn intervent malajr.

## 127.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

127.7.1 Fuq proposta tal-Viċi President, ġiet approvata l-iskeda tal-pagamenti 139 li kienet tammonta għal €295,917.86.

## 127.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss

**127.8.1** Il-Laqgħa ntemmet fis-19.15 u ġiet aġġornata sine die.

| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| Dr. Samuel Azzopardi | Rita Mifsud Attard |
| President | Segretarju Eżekuttiv |